# IN-NISEL TAL-ISEM TA' "GĦAWDEX"

Bosta jaħsbu illi l-isem tal-lum tal-Gżira ta' Kalypso—*Għawdex*—(għand Idrisi—*Għûdex*) huwa ta' nisel Għarbi, u tawh il-Għarab fi żmien il-ħakma tagħhom, u ġej mill-kelma *għadsa*, bil-lhudi *għadaxa*, "lentil", kif għandna bosta ismijiet oħra ta' gżejjer żgħar li ħaduhom minn żrieragħ—Filfla (=pepper), Kemmuna (=cumin-seed), Linosa (=linseed) eċċ; iżda ma hemmx dubju illi il-kelma *Għawdex* hija qadima, u ma hix ħlief tagħwiġa tal-isem antik tal-gżira.

L-ewwel isem ta' Għawdex li nafu bih huwa *Gwl*. Insibuh f'waħda mill-iskrizzjonijiet ta' Malta, (C. I. S. i, 132) tat-tieni jew it-tielet sêklu qabel Kristu, li titħaddet mit-tiswija ta' erba' mqades magħmula mill-pôplu għawdxi (*għam Gawl*). Minn iskrizzjonijiet latini (per es: C.I.L. x, 7508) nafu illi l-kelma kienet titħarrek *Gawl*.

*Gawl* għaddiet fl-iskrizzjonijiet griegi sewwa bħala *Gaulos*, kemm bħala *Gaudos*. (1)

L-ewwel forma għaddiet fil-Latin. *Gaulus*, *Gaulitani*, u l-oħra—fil-Latin tal-Knisja l-aktar—*Gaudisium*, *Gaudisienses*.

*Gaudisium* allura mxiet mar-regula tal-Latin popolari, u saret**Godso*, (2) fi żmien l-ispanjoli *Gozzo*, u fl-aħħar, fit-taljan, *Gôzo*. Minn naħa l-oħra *Għawdex* mhux ħlief il-latin *Gaudis*-ium, bit-tarf mormi.

Xi tfisser *Gawl?* U għaliex il-Feniċi taw lill-Gżira l-isem ta' *Gawl?* *Gûl* jew *gawl* fl-ilsna xemin tfisser "tazza kbira (l. *crater*), u dan l-isem donnu kien jixraq lil Għawdex imħabba s-sura tiegħu ovali, ħofri fiċ-ċentru u mdawwar b'ċirku ta' għoljiet mal-plajja kollha. Il-għerq tal-kelma huwa fil-għarbi *ġal*, *jġul* "to go round," lhudi *gul*, *to roll up, to form a ball or circle.* Mill-istess għerq għandna wkoll *gelgul*, *ġolġol* u *ġulġlien*, u *ġel* fil-kelma *ġellewż*, li tfisser "*lewż tond*". Il-bqija darba oħra.

G. MICALLEF

---

(1) HERODOTOS (c. 484-425 q. K.) kiteb *Gaudos*; dan juri li *Gawl* hi antika bosta iżjed.

(2) *au=o* cf. *causam=cosa*; *caudam=coda*; *taurum=toro* eċċ.